**A.L. 21 ta' l-1995**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

## IR-REGOLAMENTI TA' L-1994 DWAR IL-KORS GĦALL-GRAD TA' *BACHELOR OF ARTS IN LEGAL AND HUMANISTIC STUDIES* – B.A. LEG. & HUM. ST.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att.

**Titolu u Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies* - B.A. Leg. & Hum. St.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies* - B.A. Leg. & Hum. St.;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' *Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies* - B.A. Leg. & Hum. St.;

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi.

**Applikabilità**

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1993 jew wara.

**Eliġibiltà għall-Grad**

3. Biex ikun jista' jingħata l-Grad kandidat għandu:

(a) jkun reġistrat bħala student matrikolat skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha kif hawn imniżżel f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħrajn kollha mniżżlin fi statuti u f'regolamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

**Rekwiżiti Speċjali għall-Kors**

4. (1) Biex kandidat jirreġistra għall-Kors jeħtieġ li barra li jissodisfa l-kundizzjonijiet kif imniżżla fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università, jissodisfa dawn ir-Rekwiżiti Speċjali għal-Kors:

(a) għall-Kors mibdi fl-1993 kwalifiki tal-Matrikola fil-Livell Avanzat jew ekwivalenti f'dawn:

(i) l-Ingliż
(ii) il-Malti
(iii) għallinqas wieħed minn dawn: it-Taljan, il-Franċiż, il-Latin, l-Ekonomija, l-Filosofija jew suġġett ieħor approvat mill-Bord;

(b) għall-Korsijiet li jibdew fl-1995 jew wara, kwalifiki tal-Matrikola fil-Livell Avanzat jew ekwivalenti f'dawn:

(i) l-Ingliż bi grad C jew aħjar
(ii) il-Malti bi grad C jew aħjar
(iii) kwalifika f'suġġett ieħor mil-lista' ta' Suġġetti Approvati;

(ċ) kull kandidat għandu jkollu kwalifika li għadda fiċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja jew ewkwivalenti f'dawn:

(i) it-Taljan
(ii) il-Franċiż jew il-Latin

jekk m'humiex offruti diġa' fil-Livell Avanzat.

(2) Kandidat li hu gradwat ta' Università, jew għandu kwalifiki oħra li huma meqjusin suffiċjenti, jista' jkun eżentat mir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors fuq imsemmija kollha jew minn uħud minnhom, mill-Bord tad-Dħul, bil-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà.

**L-Istruttura tal-Kors**

5. (1) Il-programm ta' studju jinfirex fuq tliet snin u jkun maqsum f'żewġ taqsimiet:l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti.

(2) Biex itemm il-Kors il-kandidat irid isegwi korsijiet f'żewġ oqsma ta' studju, wieħed fil-Liġi u l-ieħor f'qasam ta' studju approvat mill-Bord.

(3) Il-Bord jista' jiħtieġ il-kandidati biex jirreġistraw qabel kull sena tal-Kors f'dawk it-taqsimiet studju indikati minnu.

(4) Il-Bord għandu jfassal skeda ta' taqsimiet studju fil-qasam tal-Liġi u tal-kredti mogħtija lil kull waħda. Il-Bord jista' jemenda din l-iskeda minn żmien għal ieħor, kif jifhem li għandu jsir, bil-kundizzjoni li dan isir qabel il-bidu tas-sena akkademika.

(5) Kandidat li jieħu taqsimiet studju f'oqsma ta' studju ta' Fakultà oħra għandu jissodisfa r-regolamenti rilevanti ta' dak il-qasam ta' studju u, biex jikseb kredti f'dawn it-taqsimiet studju, jissodisfa il-kriterji ta' valutazzjoni ta' dik il-Fakultà.

(6) Il-Bord jista' jeżenta kandidat mill-ħtieġa li jikseb kredtu jekk hu jkun kiseb minn din l-Università, jew minn istituzzjoni magħrufa mis-Senat għal dan il-għan, kwalifika li l-istudju għaliha, fil-fehma tal-Bord, jkun ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għall-istudju meħtieġ tal-kredtu li jkun.

**L-Ewwel Parti**

6. (1) L-Ewwel Parti tinfirex fuq l-ewwel sena tal-Kors. Biex itemm l-Ewwel Parti tal-Kors u jkompli għat-Tieni Parti kandidat għandu jikseb minimu ta' 22 kredtu, li minnhom mill-inqas 14 iridu jkunu fil-qasam tal-Liġi u mill-inqas 8 iridu jkunu fil-qasam ta' l-istudju l-ieħor magħżul, u jgħaddu mill-eżami li jsir fi tmiem is-sena fil-qasam tal-Liġi. Kandidati li jeħlu f'xi suġġett f'dan l-eżami għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju fi żmien tliet xhur u jekk jerġgħu jeħlu f'xi suġġett ma jitħallewx ikomplu l-Kors.

(2) F'ċirkostanzi speċjali kandidat jista' jitħalla mill-Bord jikseb mhux aktar minn 2 mit-8 kredti fil-qasam l-ieħor ta' studju magħżul fit-Tieni Parti tal-Kors.

**It-Tieni Parti**

7. (1) It-Tieni Parti tinfirex fuq it-tieni u fuq it-tielet sena tal-Kors. Biex itemm it-Tieni Parti tal-Kors, il-kandidat għandu jikseb minimu ta' 50 kredtu, li minnhom mill-inqas 28 iridu jkunu fil-qasam tal-Liġi u mill-inqas 16 iridu jkunu fil-qasam ta' l-istudju l-ieħor magħżul.

(2) Kandidat li matul l-ewwel sena tat-Tieni Parti ma jiksibx minimu ta' 25 kredtu, li minnhom mill-inqas 14 iridu jkunu fil-qasam tal-Liġi, u mill-inqas 8 iridu jkunu fil-qasam ta' l-istudju l-ieħor, ma jitħalliex ikompli l-aħħar sena tal-Kors.

(3) Kandidat li jikseb in-numru minimu ta' kredti skond il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu joqgħod għall-Eżamijiet Finali fi tmiem it-Tieni Parti tal-Kors kif hemm ipprovdut fir-regolament 9.

(4) Qabel ma jingħata l-Grad il-kandidat għandu jikseb in-numru minimu ta' kredti u jgħaddi mill-eżamijiet kollha skond dawn ir-regolamenti.

**Progress**

8. (1) Il-kredti għandhom jingħataw skond dawn il-gradi f'ordni mill-ogħla sa l-inqas mertu: A, B, C, D u F, fejn F turi li wieħed weħel.

(2) Kandidat li ma jirnexxilux jikseb kredtu għal taqsima studju jitħalla jagħmel riparatorju wieħed biss. Fir-rivalutazzjoni l-istudent jingħata l-grad ta' D jew F.

(3) Kandidat li skond it-termini ta' regolament 6 jew tal-paragrafu (2) tar-regolament 7 ma jitħalliex jgħaddi għas-sena ta' wara tal-Kors, jista' jitħalla mill-Bord li jerġa jidħol fil-Kors darba biss skond it-termini ta' regolament 13.

**L-Eżamijiet Finali**

9. (1) L-Eżamijiet Finali għandhom isiru fit-tmiem tat-Tieni Parti tal-Kors, normalment f'Ġunju/Lulju u jkunu magħmula minn karta waħda u eżami *viva voce* f'kull suġġett fil-qasam tal-Liġi ta' matul it-Tieni Parti tal-Kors u żewġ karti fit-tieni qasam ta' studju.

(2) Biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Eżamijiet Finali, kandidat għandu jgħaddi minn kull suġġett fil-qasam tal-Liġi u minn kull karta fit-tieni qasam ta' studju. Il-paragrafu (1) tar-regolament 8 għandu *mutatis mutandis* jiġi applikat.

(3) Kandidat li jeħel f'waħda jew aktar mill-karti jew mill-eżami *viva voce* għandu jitħalla jagħmel sessjoni riparatorja fil-karta jew karti u fl-eżami jew eżamijiet *viva voce* li fihom ikun weħel.

(4) Il-marka jew grad miksuba f'eżami riparatorju tkun il-minima li Għadda jew Weħel.

**Il-Grad Finali**

10. (1) Ir-riżultati finali ta' kandidat għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni kif mar fl-Eżamijiet Finali kif ukoll il-kredti u l-gradi miksuba matul il-kors ta' l-istudju tiegħu.

(2) L-Eżamijiet li jsiru fit-tmiem ta' l-Ewwel Parti għandhom għaxra fil-mija (10%) u l-Eżamijiet Finali għandhom ħamsin fil-mija (50%) tal-piż kollu għall-iggraddar tar-riżultat finali. L-erbgħin fil-mija (40%) l-oħra għandhom jitqiesu fuq il-marka medja ġenerali tal-kredti kollha miksuba. Jekk kandidat jikseb aktar minn 75 kredtu għandhom jiġu kkunsidrati l-aħjar 75 kredtu li jissodisfaw ir-regolamenti 6 u 7 hawn fuq.

(3) Fir-riżultati finali l-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw biex jingħataw il-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'ordni alfabetiku fil-kategoriji I, IIA, IIB, u III.

**Dħul f'Korsijiet *Post-Graduate***

11. Kandidati li jikkwalifikaw għall-Grad bil-mod preskritt fir-regolamenti rilevanti għall-Grad ta' Duttur tal-Liġi jew għal xi kors ieħor *post-graduate* fil-Liġi jew fil-qasam l-ieħor ta' studju tagħhom għandhom jitħallew jidħlu f'dak il-kors.

**Diploma ta' Prokuratur Legali (P.L.)**

12. Kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jikkwalifikaw għal Grad u li l-kredti tagħhom fil-qasam tal-Liġi jinkludu minimu ta' 35 kredtu f'dawk it-taqsimiet studju fil-qasam tal-Liġi indikati għal dan il-għan mill-Bord, ikollhom jedd għad-Diploma ta' Prokuratur Legali (P.L.).

**Dħul mill-Ġdid għall-Kors**

13. (1) Kandidat li interrompa l-kors ta' l-istudji tiegħu jew weħel f'xi sena partikulari jista' jitħalla mill-Bord jerġa' jidħol fil-Kors f'dik is-sena li l-Bord jidhirlu xieraq u meta jagħmel hekk il-Bord jista' jesiġi li dan l-istudent joqgħod għal eżamijiet oħra, minbarra dawk li huma msemmija fil-paragrafu (1) tar-regolament 9, kif jidhirlu li meħtieġ.

(2) F'ebda każ il-kandidat ma jista' jtemm il-kors ta' l-istudju tiegħu fi żmien itwal minn ħames snin, ħlief bil-permess speċjali tas-Senat għal raġuni tajba u suffiċjenti.

(3) Il-Kandidati li daħlu f'kors li jwassal għall-Grad ta' LL.D. skond ir-regolamenti li hemm fis-seħħ sew sew qabel ir-regolamenti preżenti u li interrompew il-kors ta' l-istudji tagħhom jew weħlu f'xi sena partikulari jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors taħt dawn ir-regolamenti f'dik is-sena li l-Bord jidhirlu xieraq, u meta jagħmel hekk il-Bord jista' jesiġi li dawn il-kandidati joqogħdu għal eżamijiet oħra, minbarra dawk li huma msemmija fil-paragrafu (1) tar-regolament 9 skond kif hu jidhirlu meħtieġ.